MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 391/2007

**David Vella Trading Ltd**

**vs**

**Pirella Supermarkets Ltd**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

1. Il-kumpanija intimata hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta` disat elef, hames mija u wiehed liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm 9,501.71) rapprezentanti prezz ta` merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata, u dana kif jidher minn kopja ta` l-istatement hawn anness u mmarkat Dokument “DV 1”;

2. Il-kumpanija intimata, minkejja li nterpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti;

3. Id-debitu hawn imsemmi huwa cert likwidu u dovut u l-kumpanija intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti ghat-talba rikorrenti anke in vista tal-affidavit hawn anness u mmarkat Dokument “DV2”;

Talbu lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

In vista tal-premess tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta` Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta) u tikkundanna lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta` disat elef, hames mija u wiehed liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm9,501.71) rapprezentanti prezz ta` merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tat-8 ta` Novembru, 2005 u tal-mandat ta` sekwestru nru 498/07 u bl-imghaxijiet legali kkalkolati bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data ta` l-ahhar konsenja u cioe` mis-27 ta` April, 2005 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-kumpanija intimata li d-diretturi u r-rapprezentanti taghha huma ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------